**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Ronald Zammit u Markaren Zammit Galea**

**Vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd**

**CCT 198/24/MM**

**Illum,** 31 ta' Lulju 2025

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrenti ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2024 fejn talbu s-somma ta' erba mija u sittin ewro (€460), rappreżentanti l-prezz imħallas għal *washing machine* li wara ftit xhur beda ħiereġ is-sadid.

Ra r-rispsota tas-soċjeta' intimata tal-14 t' Ottubru 2024.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza inkluż l-affidavits tal-partijiet, numru ta' ritratti, korrispondenza u informazzjoni ulterjuri.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti xtrat *washing machine* tal-għamla Telefunken erba mija u sittin ewro (€460), mingħand is-soċjeta intimata. Il-*washing machine* ġiet konsenjata fl-aħħar ta' Frar 2024 u wara xahrejn bdiet tinnota li beda joħroġ ilma u likwidu mill-kexxun tal-*washing machine*. Maż-żmien ir-rikorrenti bdiet tintebaħ li dan il-likwidu kien qiegħad jagħmel ħsara lill-*washing machine* u bdiet tinnota li taħt il-kexxun bien inbeżaq l-*ispray* u sa Lulju 2024 kien

tqaxxar u beda ħiereġ is-sadid. Ir-rikorrenti innutat ukoll li ż-żebgħ tal-bieba tal-*washing machine* kienet ikkrekjat kollha.

Illi s-soċjeta' intimata tilqa' għat-talba billi tirrispondi li d-danni fuq il-washing machine ġew ikkawżati bl-użu ħażin u negliġenti tal-utent stess u għalhekk ma kienux responsabbli għall-ħsarat fl-istess magna tal-ħasil. Illi s-soċjeta' intimata' tispjega li peress li l-magna tal-ħasil kienet qed taħdem b'mod perfett, kienet offrit li tieħu l-magna fil-workshop għat-tiwsija u tibdel mingħajr ħlas il-partijiet tal-*washing machine* li kienu ssaddu u ċioe' l-kexxun u l-faċċata. Is-soċjeta' intimata kienet offriet ukoll li tislef *washing machine* lir-rikorrenti sakemm il-magna tagħha tkun għat-tiswija.

Illi t-Tribunal jinnota li fl-affidavit tagħha r-rikorrenti Makaren Zammit Galea tispjega fid-dettal il-prajja u telenka b'mod kronoloġiku l-iskambju tal-korrispondenza li kien hemm bejn ir-rikorrenti u s-soċjeta' intimata. Pero' l-aktar fatt relevanti għall-każ odjern hija l-istqarrija tagħha li tippretendi magna ġdida stante li d-difett ħareġ f'inqas minn ħames xhur minn meta inxtrat il-magna.

Minn naħa l-oħra fl-affidavit ta' Michael Scerri prodott mis-soċjeta' intimata jikkonferma li kien hemm korrispondenza mar-rikorrenti u jgħid li minkejja li l-ħsara fil-*washing machine* ma kinietx koperta bil-garanzija xorta waħda kienu offrew li jibdlu l-kexxun u l-faċċata mingġajr ħlas u anki li jipprovdu *washing machine* lir-rikorrenti sakemm il-magna tagħha tkun għat-tiswija. Illi jisemma li kien hemm xi nuqqas ta' ftehim dwar id-data meta kellhom imorru l-ħaddiema biex jiġbru l-*washing machine* u sussegwentement ma sar xejn stante li r-rikorrenti bdiet titqażżeż tuża magna użata sakemm tagħha tkun għat-tiswija u bdiet tinsisti li trid *washing machine* ġdida. Illi r-relazzjoni marret lura u Michael Scerri jispjega li s-soċjeta' intimata m'għadiex lesta tibdel il-parts b'xejn stante li r-rikorrenti kienu aggressivi fil-konfront tagħhom u anki għamlu *post* inġurjuż fuq il-*Facebook.*

Michael Scerri jispega li jekk jitneħħa l-*post,* is-soċjeta' intimata tkun lesta li tibdel il-*parts* mingħajr ħlas.

**Ikkunsidra**

L-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq il-provvedimenti tal-għaxar taqsima tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-taqsima hija msejħa "Bejgħ ta' oġġetti lill-Konsumatur". A tenur tal-artikolu 73 ta' dan l-Att:

**(1)** Il-kummerċjanti għandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oġġetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ, u skont hekk ikollhom l-obbligu li jiżguraw li l-oġġetti –

**(a)** jkunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija millkummerċjant u jkollhom il-karatteristiċi, l-fattizzi u lkwalitajiet tal-oġġetti li l-kummerċjant jkun wiegħed jew ikun wera jew xort'oħra ppreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell;

**(b)** jkunu adattati għall-iskop partikolari li għalih ilkonsumatur ikun jeħtieġhom u li jkun għarraf bihom lillkummerċjant meta kien qed jagħmel il-kuntratt;

**(ċ)** jkunu adattati għall-iskop li għalih oġġetti tal-istess tip normalment jintużaw; u

**(d)** juru l-kwalità u l-kapaċità li huma normali f'oġġetti talistess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna, fil-qies tax-xorta tal-oġġetti u meta jitqiesu ddikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-oġġetti li jsiru dwarhom sew mill-kummerċjant, mill-produttur jew mir-rappreżentant tiegħu, partikolarment flirreklamar jew fuq it-tikketti....

L-artikolu 74 jaqra hekk:

**(1)**Il-kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skont dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur. Bla ħsara għad-

disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, għandu jkun il-konsumatur li jiddeċiedi x'rimedju għandu jitlob.

**(2)** Fil-każ ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew –

**(a)** li l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, skont l-artikolu 75(1), jew

**(b)** li jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, skont l-artikolu 76(1) jew (2).

L-artikolu 75 imbagħad jipprovdi li:

**(1)** Sakemm ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat, il-konsumatur jista', fl-ewwel lok, jeħtieġ lill-kummerċjant isewwi l-oġġetti jew inkella jirrimpjazzjahom, f'kull każ bla ebda ħlas.

**(2)** Rimedju jitqies li jkun sproporzjonat jekk ikun jimponi spejjeż fuq il-kummerċjant li, b'paragun mar-rimedji alternattivi li jeżistu taħt din it-Taqsima, ma jkunux raġonevoli, meta jitqiesu –

**(a)** il-valur tal-oġġetti li kieku ma kienx hemm nuqqas ta' konformità,

**(b)** xi jkun ifisser dak in-nuqqas ta' konformità, u

**(ċ)** jekk ir-rimedju alternattiv ikunx jista' jitlesta għal kollox mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

**(3)** Kull tiswija jew rimpjazzament għandhom jitlestew, kemm ikun prattikament malajr, fi żmien raġonevoli u mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur, meta titqies ix-xorta tal-oġġetti u l-iskop li għalih ilkonsumatur jkun ħtieġ dawk l-oġġetti.

Finalment, skont l-artikolu 76:

**(1)** Il-konsumatur jista' jeħtieġ riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt –

(a) meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb la r-rimedju ta' tiswija lanqas dak ta' rimpjazzar, jew

(b) jekk il-kummerċjant ma jkunx spiċċa r-rimedju ta' tiswija jew ta' rimpjazzar fi żmien raġonevoli, jew

(ċ) jekk il-kummerċjant jkun jista' biss jipprovdi jew jispiċċa r-rimedju ta' tiswija jew rimpjazzar b'inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

(2)Il-konsumatur ma jkollux jedd għar-rexxissjoni talkuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità miegħu jkun wieħed minuri u insinjifikanti.

Illi t-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija x'aktarx iżjed plawsibbli u fin-nuqqas ta' evidenza kontrarja mis-soċjeta' intimata ma jarax għaliex m'għandux jemmen li l-magna tal-ħasil verament kellha difett. Illi t-Tribunal jinnota wkoll illi minkejja li fir-risposta tagħha s-soċjeta' intimata argumentat li l-ħsara kienet dovuta għall-użu ħażin tal-utent, u minkejja li s-soċjeta' intimata preżentat diversi dokumenti u riċerka biex tispjega x'seta ġara, madankollu ma preżentat l-ebda rapport jew m'għamlet l-ebda analiżi jew investigazzjoni fuq il-magna tal-ħasil in kwistjoni. Għalhekk tenut kont li d-difett kien viżibbli xahrejn biss wara li ġiet konsenjata l-magna, it-Tribunal isib li huwa aktar plawsibbli li l-magna kellha difett milli li f'perjodu qasir ta' xahrejn l-utent tant uża detergent żejjed li ħoloq ħsara kbira fl-istess magna tal-ħasil.

Madankollu t-Tribunl jinnota li dan kollu mhux daqstant determinanti għall-każ odjern stante li s-soċjeta' intimata kienet aċċettat li tirranġa l-*washing machine* mingħajr ħlas u saħansitra offriet magna tal-ħasil b'self sakemm il-*washing machine* tar-rikorrenti tkun għat-tiswija. Illi ġara li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ħżienet u r-rikorrenti bdiet tinsisti għall-magna ġdida.

Illi kif ingħad aktar il-fuq, skont il-liġi Maltija, b'mod partikolari l-Artikolu 75 tal-Att dwar il-Konsumatur (Kap. 378), meta prodott jinbiegħ b'difett jew ma jkunx konformi mal-kuntratt, il-konsumatur għandu d-dritt jitlob rimedju mingħand ir-bejjiegħ. Ir-rimedji primarji huma r-riparazzjoni jew is-sostituzzjoni tal-prodott, u l-bejjiegħ għandu d-dritt jagħżel li jirrimedja billi joffri riparazzjoni jew sostituzzjoni, sakemm l-għażla magħżula ma tkunx impossibbli jew ma tipproduċix inqas inkonvenjent għall-konsumatur meta mqabbla mal-oħra. Din id-deċiżjoni trid tittieħed fi żmien raġonevoli.

Illi fi-fehema tat-Tribunal, is-soċjeta' intimata kienet offriet li ssewwi l-magna mingħajr ħlas u fil-frattemp tipprovdi magna b'self sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent għar-rikorrenti. Illi s-soċjeta' intimata aċċertat lir-rikorrenti li l-magni użati tagħhom li jintużaw għal dan il-għan ikunu nodfa u sterelizati. Illi pero' ir-rikorrenti insistit li riedet magna ġdida, insistenza li m'għandiex bażi legali, stante li s-soċjeta' initmata kienet fil-parametri legali tagħha li l-ewwel toffri rimedju raġonevoli u ċioe' li s-ssewwi l-magna mingħajr ħlas mingħajr inkonvenjent.

**Deċide**

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**